**4 ta' Ottubru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Scicluna

**Rappreżentanza fil-Kamp Kriminali**

*F'dan il-każ l-appellant, għalkemm debitament inġunt, ma deherx quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali għaliex kellu jsiefer malajr. L-avukat tiegħu ppreżenta rikors fejn talab għad-differiment. L-Avukat Ġenerali oppona għal tali differiment u rrileva li f'materja ta' indoli penali, persuna ma tistax tidher għal persuna oħra (ad eċċezzjoni tal-każijiet ikkontemplati fl-artikkolu 386 (b) (illum 374 (b)) tal-Kodiċi Kriminali, liema każijiet japplikaw biss quddiem il-Qorti tal-Maġistrati), u għalhekk wisq anqas tista' tagħmel rikors għan-nom ta' persuna oħra. Il-Qorti osservat li s-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali kienu korretti u konsegwentement iddikjarat l-appell interpost deżert.*

Il-Qorti:-

Dan hu provvediment wara li l-appellant fl-aħħar seduta ta' qabel din u ċjoè tas-27 ta' Settembru, 1984, naqas illi jidher għalkemm debitament inġunt u msejjaħ skond il-liġi;

Fil-każ normali tal-każijiet din il-Qorti kienet tgħaddi mill-ewwel biex tiddikjara l-appell tiegħu deżert fit-termini ta' l-artikolu 434 tal-Kap. 12. L-avukat difensur ta' l-appellant però doverosoament ippreżenta rikors fid-19 ta' Settembru, 1984 li bih l-istess difensur wara li ppremetta illi l-klijent tiegħu kien irċieva telefonata biex jibda kors ta' studju fl-Ingilterrra u kellu jsiefer malajr u li l-kors hu prevvist li jkollu durata ta' sitt xhur talab li din il-Qorti jogħġobha tiddiferixxi s-smigħ ta' l-istess appell għal data oħra konvenjenti għal din il-Qorti u taħt dawk il-modalitajiet li jidhrilha xierqa;

Għal dan ir-rikors l-Avukat Ġenerali appella oppona għal tali differiment u rrileva illi f'materja ta' indoli penali, persuna ma tistax tidher għal persuna oħra (ad eċċezzjoni tal-każijiet ikkontemplati fl-artikolu 386 (b) tal-Kap. 12 liema każijiet japplikaw biss għal quddiem il-Qorti tal-Maġistrati) u għalhekk wisq inqas tista' tagħmel rikors għan-nom ta' persuna oħra

quddiem dina l-Qorti u illi l-appellant minflok ma pprova jirrifaċċja l-Qorti b'*fait accompli*, kellu diversi triqat oħra x'jagħżel biex jissalvagwardja l-interessi tiegħu;

Illi fil-fatt is-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Ġenreali huma korretti u din il-Qorti ma tarax kif tista' tissana n-nuqqas ta' l-appellant. Infatti ma jidhirx li għandha triq oħra din il-Qorti ħlief li tiddikjara l-appell interpost deżert salvi u impreġudikati s'intendi d-drittijiet ta' l-istess appellant fit-termini ta' l-istess liġi;

Għaldaqstant tiddikjara l-appell interpost minn Joseph Scicluna deżert fit-termini ta' l-artikolu 434 (1) tal-Kap. 12.